**Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi –**
**Rapport Annwali 2017**

## 1. Ħarsa Ġenerali dwar il-Funzjonijiet u r-Responsabbiltajiet tat-Taqsima

It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ġiet imwaqqfa fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali wara d-deċiżjoni li ħa l-Gvern f'Mejju 2013. Dan sabiex jiċċentralizza il-funzjonijiet regolatorji li jappartjenu għall-implentazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42) u leġislazzjoni sussidjarja oħra relatata magħha. Kif ukoll, sabiex iħares u jmexxi l-implementazzjoni tal-politika tal-Gvern dwar dak li għandu x'jaqsam ma' governanza ta' kaċċa sostenibbli u l-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi. Fuq il-livell nazzjonali, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ġiet inkarigata b'dawn il-funzjonijiet:

- Implementazzjoni tar-riforma tal-leġislazzjoni relevanti li tikkonċerna l-kaċċa u l-insib sabiex tassigura s-simplifikazzjoni u azzjoni aktar effettiva, kif ukoll il-ħarsien tad-drittijiet taċ-ċittadini kollha li jinkludu wkoll il-kaċċaturi u n-nassaba, kif ukoll sabiex jiġi assigurat l-infurzar u l-konformità mal-liġi;

- Koordinazzjoni tax-xogħol ta' kull struttura istituzzjonali neċessarja, bħall-Kumitat Ornis, kif ukoll b'ħidma kontinwa mal-Pulizija u l-ERA sabiex tassigura implementazzjoni adekwata tal-liġijiet u infurzar tal-kaċċa u l-insib sostenibbli b'mod attwali;

- Ċentralizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-proċessar tal-liċenzji u l-proviżjoni tas-servizz tal-*one-stop-shop* għan-nassaba u l-kaċċaturi;

- Koordinazzjoni tal-infurzar;

- Promozzjoni ta' għarfien u bidla fil-kultura tal-kaċċaturi, ibbażata fuq prinċipji ta' sostenibiltà u użu għaqli tar-riżorsi ekoloġiċi;

- Programmi ta' taħriġ għall-kaċċaturi u uffiċjali tal-infurzar;

- L-amministrazzjoni tal-programmi edukattivi u l-proċeduri tal-eżamijiet tal-kaċċaturi u n-nassaba;

- Żamma ta' statistika u kontroll tal-kwalità tad-*data*;

- Koordinazzjoni ta' għarfien ta' kuxjenza, komunikazzjoni u attivitajiet ta' taħriġ;

- Kummissjonar ta' studji u rapporti tekniċi;

- Ħruġ ta' liċenzji u permessi varji u kontroll fuq konformità mal-kundizzjonijiet tal-liċenzji;

- Ingaġġar kontinwu u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tal-kaċċa, għaqdiet non-governattivi ambjentali u membri tal-komunità tal-kaċċa u l-insib.

Fil-qasam tal-politika internazzjonali u Ewropeja li tikkonċerna l-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u l-kaċċa sostenibbli, il-prijoritajiet prinċipali tat-Taqsima huma dawn li ġejjin:

- Konformità mal-proviżjonijiet tal-Unjoni Ewropeja u l-*Acquis* internazzjonali li jikkonċernaw il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi li tinkludi, imma li ma tillimitax biss, il-proviżjonijiet tad-

Direttiva tal-Għasafar tal-Unjoni Ewropeja, il-Konvenzjoni ta' Berna kif ukoll liġijiet relevanti oħra Ewropej u dawk Internazzjonali;

- Implementazzjoni korretta tad-derogi tal-kaċċa fir-rebbiegħa u tal-insib tal-għasafar fil-ħarifa, kif ukoll derogi relevanti oħra li jiġu applikati mill-Gvern;
- Koordinazzjoni tal-preparazzjoni u sottomissjoni fil-ħin tad-derogi relevanti u rapporti oħra;
- Moniteraġġ tal-implementazzjoni tal-*policy* u ż-żamma tal-istatistiċi meħtieġa;
- L-indirizzar ta' ksur potenzjali tal-liġi, li jinkludi proċeduri pilota tal-Unjoni Ewropeja;
- Kollaborazzjoni ma' uffiċjali relevanti nazzjonali, Ewropej u Internazzjonali u twettiq ta' azzjonijiet oħra neċessarji.

## 2. Kisbiet Ewlenin matul is-sena 2017

### *2.1 Regoli u Proċessi Regulatorji*

**Matul is-sena 2017, it-Taqsima:**

- Ikkoordinat il-Presidenza ta' Malta fil-Kunsill tal-UE fejn jitħlu punti relatati mad-Direttiva tal-Għasafar, kif ukoll ikontribuixxiet fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għan-Natura, Nies u Ekonomija; fl-iżvillupp u l-addozzjoni tal-Kunsill Konklussiv tal-UE fuq dal-Pjan ta' Azzjoni, u koordinat laqgħat f'livell ta' *Working Party*;
- Organiżżat, ospitat u mexxiet l-ewwel laqgħa konġunta tal- *Bern Convention Network of Special Focal Points* dwar l-eradikazzjoni tal-qtil illegali, teħid u kummerċ ħieles ta' Għasafar Selvaġġi u t-*Task Force* Intergovernattiv tal-Konvenzjoni ta' CMS dwar il-qtil illegali ta' għasafar fil-Mediterran. Għaż-żewġ konvenzjonijiet attendew aktar minn 80-il parteċipant li jirrappreżentaw iktar minn 30 stat, kif ukoll, osservaturi, NGOs internazzjonali, għaqdiet xjentifiċi internazzjonali u organizzazzjonijiet oħra.
- Ipproponiet u mexxiet l-iżvilupp ta' *Scoreboard* internazzjonali biex tkejjel il-progress tal-pajjiżi lejn l-eradikazzjoni tal-qtil illegali, it-teħid u l-kummerċ fl-għasafar selvaġġi. Li *Scoreboard* giet approvata mic- CMS *Resolution* u mir-Rakkomandazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Berna.
- Gwidat id-delegazzjoni ta' Malta għat-12-il Konferenza tal-Gruppi għall-Konvenzjoni tac-CMS li saret f'Manila f'Ottubru 2017 u kkoordinat il-kontribut ta' Malta għall-COP fir-rigward tal-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.
- Ipprovdiet l-kontribut ta' Malta lis-27 Standing Committee tal-Konvenzjoni ta' Berna fir-rigward ta ' punti li għandhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi.
- Ikkoordinat il-preparazzjoni, ir-reviżjoni u s-sottomissjoni lill-Kummissjoni Ewropea, lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Berna u Konvenzjoni CMS, seba' rapporti tekniċi li għandhom x' jaqsmu mal-implementazzjoni tad-derogi f'Malta, ir-riżultat aħħari tal-programmi tal-moniteraġġ u obbligi oħrajn ta' rappurtar. L-obbligi kollha tar-rappurtar tas-sena 2017 ġew imwettqa u

indirizzati mit-Taqsima ħafna qabel iż-żmien stipulat. Ir-rapporti kollha huma pubbliċi u aċċessibli *online*.

- Ipprovdiet *input* tekniku u regulatorju fl-implementazzjoni ta' numru ta' proċessi regulatorji Ewropej u Internazzjonali li jikkonċernaw il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, li jinkludu:

    - Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tunes fuq l-Eradikazzjoni tal-Qtil, Teħid u Kummerċ Illegali tal-Għasafar Selvaġġi, li taqa' taħt il-Konvenzjoni ta' Berna;

    - Il-programm ta' ħidma tac-CMS Konvenzjoni Mediterranja kontra l-qtil illegali ta' għasafar selvaġġi;

    - Ħidma fuq temi internazzjonali ambjentali (*WPIEI* Biodiversità);

    - Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima

    - Konvenzjoni ta' Barċellona.

- Ikkoordinat id-difiża legali ta' Malta fir-rigward tal-każ C-557/15 li jikkonċerna l-insib għal-għasafar tal-għana inkluż is-smiegħ tal-kawża li seħħ fil-15 ta' Frar 2017.

- Irrappreżentat lil Malta:

    - F'żewġ laqgħat fil-Grupp Ewropew ta' Esperti fuq Direttivi tal-Għasafar u tal-Abitati;
    - F'żewġ laqgħat tal-Gruppi ta' Esperti organizzati mill-Kummissjoni Ewropeja taħt id-Direttiva tal-Għasafar;
    - F'żewġ laqgħat tan-*Network* ta' CGBN;
    - Fi tlett laqgħat tal-*Working Party* (Ambjent);
    - Konferenza ta ' importanza dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għan-Natura, in-Nies u l-Ekonomija;
    - CMS COP 12;
    - Fil-laqgħa tan-*Network* ta' *Special Focal Points* għall-qtil illegali tal-għasafar taħt il-Konvenzjoni ta' Berna (elett bħala President) flimkien ma laqgħa tac-CMS *Task Force* Mediterranja (elett bħala viċi president) ;
    - Fil-laqgħat tal-37th *Standing Committee* taħt il-Konvenzjoni ta' Berna;
    - F'laqgħat tad-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropeja dwar kaċċa u mmaniġjar ta' annimali kaċċabbli;
    - F'konferenza mill-IMPEL dwar kriminalità assoċjata ma'għasafar selvaġġi;
    - F'*workshop* organizzat mil-EU LIFE EuroSAP- Pjan t'Azzjoni għal-Konservazzjoni tal-Gamiema.

Ikkoordinat l-abbozz, il-formulazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' sitt strumenti legali:

- Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas biex tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u Summien fir-Rebbiegħa (AL 82/2017);
- Regolamenti tal-2017 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2017 għas-Summien) (AL 83/2017);
- Regolamenti tal-2017 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Istaġun tal-Insib fil-Ħarifa tal-2017 għall-Għasafar tal-Għana) (AL 294/2017);

- Regolamenti tal-2017 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Istaġun tal-Insib fil-Ħarifa tal- 2017 għall-Malvizz u l-Pluviera) (AL 295/2017);
- Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja (AL 300/2017);
- Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall- Kontrol tal- *Isturnus Vulgaris* u *Columba Livia*) (SL 549.116).

- Żviluppat proposti għal reviżjoni futura ta' diversi leġislazzjonijiet sussidjarja;

- Ikkoordinat tlett sessjonijiet t'eżamijiet tal-falkunerija (inkluż eżami prattiku u bil-miktub) f'Malta u f'Għawdex li fijhom ipparteċipaw 31-il falkunier hekk kif kien stabilit fil-proċedura ġdida tal-liċenzja tal-falkunerija fl-2016;

- Ħarġet 31-il liċenzja tal-Falkunerija;

- Ħarġet ġiex liċenzji tal-Falkunerija Speċjali

- Analizzat u tagħat pariri rigward regoli governattivi, programmi, proġetti u pjanijiet li jistgħu jimpattaw il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi;

- Ikkoordinat l-amministrazzjoni għall-proċeduri tal-liċenzji speċjali għad-deroga tal-kaċċa fir-rebbiegħa u għad-derogi tal-insib matul l-istaġun tal-ħarifa tas-sena 2017, inkluż plottjar fuq *GIS* tas-siti tal-insib reġistrati li ġew sottomessi mal-applikazzjonijet tal-insib u xogħol ieħor assoċjat ma' dan;

- Iddisinjat, ikkummissjonat u implimentat upgrade maġġuri fis-sistema ta' informazzjoni ġeografika;

- Amministrat is-sistema ta' liċenzjar ġenerali għal ħames kategoriji ta' liċenzji;

- Ħarġet tlett liċenzji ġodda lill-*bird ringers* u immonitorjat il-konformità ta' 33 *bird ringers* oħra li ingħataw liċenzja għal ħames snin fl-2016;

- Ħarġet liċenzja ġdida lill-persuna li jibbalzmaw l-għasafar u immonitorjat il-konformità ta' tmin ibbalzmatur li ngħataw liċenzja għal ħames snin fl-2016;

- Saru għaxar sessjonijiet ta' eżamijiet tal-kaċċa (Malta u Għawdex) li fihom poġġew madwar 340-il applikant (inkluż ir-*resits*);

- Wettqet ħames sezzjonijiet ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-pulizija li huma involuti fl-infurzar tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (tlieta f'Malta u tnejn f'Għawdex) fejn il fuq minn 90 uffiċjal ġew imħarġa fl-ornitoloġija bażika, teknika dwar identifikazzjoni ta' atti kriminali li jinvolvu għasafar selvaġġi, proċeduri ta' spezzjonijiet, regolamenti applikabbli u proċessi ta' prosekuzzjoni, l-użu ta' sistemi speċjalizzati ta' informazzjoni dwar l-infurzar;

- Mantniet proċedura uffiċjali li l-membri tal-pubbliku għandhom isegwu kull meta isibu xi tajr jew għasafar selvaġġi feruti kif ukoll ġie mqabbad permezz ta' kuntratt, veterinarju speċjalizzat fil-kura ta' tajr ferut. Taħt dil-proċedura, il-WBRU ikkordinat u sorveljat il-kura ta' madwar 212 il-għasfur ta' 65 speċi differenti;

- Laqqgħat il-veterinarja u persuni li jiprovdu kura lill-għasafar feruti li minħabba saħħithom ma jkunux jistaw jirritornaw lura fis-salvaġġ, biex tiġi stabbilita l-aħjar proċedura biex tiġi adottata f'każ li għasfur tal-priża jeħtieġ rijabilitazzjoni jew kura tul il-ħajja;

- Ikkoordinat l-irkupru, it-trattament u r-rijabilitazzjoni ta' aktar minn 212 għasfur ferut;

- Implimentat żewġ studji xjentifiċi maġġuri fuq il-passa tal-Gamiema u s-Summiena fir-rebbiegħa u l-ħarifa tas-sena 2017, u studju separat li jikkonċerna l-passa tas-seba' speċi tal-Għasafar tal-Għana kif ukoll tal-Pluviera u l-Malvizz fil-ħarifa tas-sena 2017;

- Assigurat id-diġitalizzazzjoni ta' madwar 6,097 pjanta u l-iplottjar tagħhom fuq il-*GIS* għal skopijiet ta' infurzar inkluż l-ipproċessar ta' 479 applikazzjoni biex jiġu trasferiti d-dettalji tan-nassab minn sit reġistrat għal sit reġistrat ieħor u, f'xi każijiet, biex iċaqalqu l-*allignment* tas-sit;

- Kompliet topera u kontinwament ittejjeb  is-sistema elettronika avvanzata ta' rappurtar tal-qbid tal-għasafar matul l-istaġuni tal-kaċċa u l-insib;

- Kompliet tizviluppa *database* moderna li ser tkun qed tiffaċilita l-moniteraġġ fuq kull ċaqlieq u infurzar ta' għasafar protetti, ibbalzmati u reġistrati;

- Ikkoordinat, għamlet u ppubblikat studju xjentifiku tal-istat tal-konservazzjoni tal-Gamiema, tas-Summiena, tal-Pluviera, u tas-seba' speċi tal-Għasafar tal-Għana;

- Assigurat il-koordinazzjoni kontinua mal-kuntrattur li qed  jiġbor informazzjoni primarja u sekondarja fuq l-ispeċi ta' għasafar li jbejtu u jqattgħu ix-xitwa ġewwa l-Gżejjer Maltin sabiex tissodisfa l-obbligu ta' rappurtar taħt Artiklu 12 tad-Direttiva tal-Għasafar. Permezz ta' dan it-*tender* ser ikun qiegħed jinħareġ ukoll ktieb ġdid taħt is-sensiela *Malta Breeding Bird Atlas;*

- Assigurat *customer care* il-ħin kollu u konsultazzjonijiet mal-imsieħba kollha fis-settur; mexxiet ħafna laqgħat ma' msieħba varji, ma' rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet tal-kaċċa, klabbs tal-falkunerija, rappreżentanti ta' għaqdiet internazzjonali, assoċjazzjonijiet tal-ibbalzmar u għaqdiet mhux governattivi ambjentali;

- Żammet u aġġornat is-sit elettroniku b'informazzjoni, materjal u rapporti li jinkludu informazzjoni dwar statistika;

- Ikkomunikat mal-uffiċċju tal-Informazzjoni u l-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data fir-rispett ta' talbiet għal informazzjoni mingħand NGOs;

- Ikkordinat ma' diversi dipartimenti, prinċipalment l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, il-ħruġ ta' permessi neċessarji għall-faċilitajiet ta' guvi ġewwa tal-Bagħal u tal-Bosk skont ftehiem t'immaniġjar ma' NGOs;

- Ipparteċipat f'diversi kampanji ta' għarfien u t' informazzjoni matul l-2017, b'mod partikolari l-*Game & Country Expo* (Awissu 2017) u programmi tat-televiżjoni lokali (Novembru 2017);

- Ikkoordinat u spezzjonat, flimkien mad-Diviżjoni tas-Servizzi Veterinarji, numru ta' faċilitajiet sabiex jiġi aċċertat li huma adekwati sabiex iżommu għasafar feruti taħt is-sejħa għall-proviżjoni ta' servizzi ta' kura għall-għasafar selvaġġi. Minn dan il-proċess ta' *screening* miż-żewġ awtoritajiet, il-faċilità ta' tlett persuni ġew approvati u awtorizzati sabiex jkun jistaw jipprovdu kenn u kura għall-għasafar feruti li minħabba l-kundizzjoni ta' saħħithom ma' jkunux jistgħu jirritornaw lura fis-selvaġġ;

- Ħarġet madwar 18-il stqarrija għall-istampa u irrispondiet iktar minn 40 avviż ta' l-istampa dwar kwistjonijiet relatati mall-operazzjonijiet tal-Unit;

- Ipprovdiet sapport tekniku u amministrattiv kontinwu għall-funzjonijiet tal-Kumitat Ornis, li b'kollox kellu disa' laqgħat matul dan il-perjodu. Aċċertat ukoll li d-deċiżjonijiet u l-proċessi tal-kumitat ħarġu pubbliċi fuq is-sit elettroniku tal-WBRU;

- Wettqet eżerċizzju ta' disseminazzjoni ta' informazzjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni u l-pussess tal-għasafar ma' persuni li jorganizzaw ġiti tal-kaċċa, balzmaturi, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-kaċċa u entitajiet oħra;

- Ikkoordinat 'il fuq minn sebà proċeduri t'akkwist li varjaw fil-kumplessità tagħhom u li inkludew offerti għal servizz, sejħiet għall-*expressions of interest*, sejħiet għall-kwotazzjonijiet u proċeduri oħra sabiex it-Taqsima tkun tista' tiffunzjona b'mod tajjeb;

- Provdiet servizz kontinwu lill-konsumaturi Għawdxin billi assigurat arranġamenti neċessarji fit-tmexxija tat-testijiet tal-liċenzji f'Għawdex u billi assigurat, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex, uffiċju xieraq f'Għawdex sabiex tagħti servizz darbtejn fix-xahar;

- Iġġenerat madwar €325,866 fi dħul minn tiġdid ta' miżati ta' liċenzji ġenerali kif ukoll liċenzji speċjali tal-insib, miżati ta' provvista ta' servizzi varji (pereżempju ħlas ta' eżamijiet, bejgħ ta' *poster* edukattiv, ħlas għal bdil tal-liċenzji eċċ) u minn varjetà ta' multi amministrattivi u penali għall-offiżi varji li jaqgħu taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi;

- Żviluppat il-proċeduri neċessarji tal-Iskema ta' Finanzjament għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u kkordinat l-evalwazzjoni ta' disa' progetti li ġew proposti fl-ewwel sejħa għal proposti li għalqet fl-1 ta' Settembru 2017;

*2.2 Infurzar*

Fil-qasam tal-infurzar, matul is-sena 2017, it-Taqsima:

- Kompliet b'eżerċizzji ħalli tissaħħaħ is-Sezzjoni Speċjalizzata tal-Infurzar li tipprovdi assistenza teknika u tikkoordina mal-Pulizija, Dwana u entitajiet oħra ta' infurzar fuq kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni, kxif u prosekuzzjoni ta' offiżi relatati mal-għasafar selvaġġi. Ikkoordinat arranġamenti ta' infurzar tal-istaġuni fir-rebbiegħa u fil-ħarifa mal-Pulizija, il-Forzi Armati u entitajiet oħra;

- Għamlet ħames spezzjonijiet f'residenzi privati fejn ġew eżaminati 1,570 eżemplar ta' għasafar ibbalzmati. Matul dawn l-ispezzjonijiet it-total ta' 27 eżemplar kienu ġew disponuti illegalment mingħajr permess. Azzjoni legali qed tiġi meħuda kontra persuna filwaqt li żewġ persuni kienu għadhom taħt investigazzjoni waqt il-perjodu ta' rappurtar;

- Matul spezzjoni kemm fir-residenzi kif ukoll f'stabilimenti kummerċjali, it-total ta' 186 għasfur ħaj ġew spezzjonati, li minnhom 3-il għasfur ġew elevati. Tnejn mill- eżemplari li ġew elevati kienu mlibbsa b'ċurkett magħluq falz li kellu dijametru intern akbar milli suppost għall-ispeċi, filwaqt li l- għasafur l-elevat l-ieħor ma kellu l-ebda ċurkett magħluq. Azzjoni legali qed titieħed kontra ġiex individwi.

- Matul l-istess perjodu, it-Taqsima wettqet ukoll 175-il spezzjoni f'postijiet ta' dħul (il-port u d-dwana fit-terminal tal-passiġġieri u fis-sezzjoni tal-kargo), b'erba' minn dawn ikunu spezzjonijiet sorpriża (f'dħul ta' l-ajruport internazzjonali ta' Malta). Dan juri żieda ta 33% fl-ispezzjonijiet

mis-sena preċedenti ($n_{2015}$ =118). Matul dawn l-ispezzjonijiet, 16,453-il għasfur ġie eżaminat. L-ebda ksur ta' liġi ma nstab f'dawn il-każijiet.

- Uffiċjali tas-Sezzjoni attendew 16-il seduta fil-Qorti (kull seduta tinkludi aktar minn smiegħ wieħed) li rriżultaw f'77 kundanna, 14 ġew liberati filwaqt li l-kumplament tal-każijiet għadhom ma nqatgħux. Matul il-perjodu ta' rappurtar, l-uffiċjali tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi xehdu f'seduti li jappartjenu għal 61-il każ.

- Matul l-istess perjodu, is-Sezzjoni Speċjalizzata tal-Infurzar assistiet ukoll entitajiet oħra tal-infurzar tal-liġi f'operazzjonijiet ta' sorveljanza. Bħala parti minn dawn l-operazzjonijiet it-taqsima wettqet 37-il spezzjoni li 19 minnhom kienu operazzjonijiet t' osservazzjoni. Dawn l-ispezzjonijiet waslu għal qbid ta' sitt każijiet ta' użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u 63 għasfur tal-għana ġew isekwestrati. Total ta' 19-il mansab illegali ġew misjuba u dan wassal biex seba' persuni jiġu mħarrka ħabba l-użu ta' siti mhux irreġistrati;

- Amministrat il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-għasafar protetti ibbalzmati. Matul dan il-perjodu, it-Taqsima rċeviet 1,800 applikazzjoni għal trasferiment jew disponiment ta' għasafar ibbalzmati li kienu ddikjarati fl-iskema tal-1998/99 u 2003;

- Ipprovdiet servizz ta' *on-call* 24 siegħa kuljum sabiex tassisti awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi;

- Ikkoordinat atti ta' infurzar mad-Dwana u *stakeholders* oħra sabiex tassigura li l-importaturi u il-bejjiegħ ta' apparat elettroniku, li jistaw jintużaw għal skopijiet leġittimi, iżda ukoll b'mod illegali fill-kaċċa u insib, jiġu avżati li se jkun hemm konsegwenzi legali jekk dan ma jintużax skont il-liġi;

- Wieġbet għall-diversi mistoqsijiet li l-pubbliku għamel rigward suġġetti relatati mal-portafoll tal-Unit.

- Kompliet tħaddem is-sistema tal-multi amministrattivi. Assigurat il-ħruġ u l-ipproċessar ta' multi varji amministrattivi lil 25 persuna.

- Żammet format speċifiku għaż-żamma tal-istatistika relatata mal-infurzar u kkumpilat statistika ta' infurzar għal skopijiet ta' rappurtar.